**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 19

**11 ta' Dicembru, 2020**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**
**Ronald Portelli - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**
**Eugenio Muscat - Kunsillier**

**UFFICCJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgha.

### 19.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

**19.1.1** Ma kienx hemm, kulhadd kien prezenti ghal-laqgha.

### 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

19.2.1 Il-Minuti gew mressqa mis-Sindku ghall-approvazzjoni u ntalbet biex issir korrezzjoni f'punt 17.5.1 u tigi miktuba kif gej:

Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa hekk inhargux xi skemi fuq tisbieh tal-lokalita'.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li ghandha ticcekja imma probabilment huma l-fondi tal-UIF li jinhargu mil-Planning Authority li dawn ahna diga nibbenefikaw minnhom.

### 19.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

19.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ccirkulati u li ttiehdu bhala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronald Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

### 19.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

19.4.1 Is-Sindku qal li din is-sena bhal kulhadd kellna hafna *challenges* minhabba l-pandemija li ghaddejjin minna. Izda bl-ghaqda li hemm bejn l-Kunsilliera u l-haddiema tal-Kunsill irnexxielna xorta wahda naqdu r-residenti bl-ahjar mod possibli. Is-Sindku qal li konna l-ewwel kunsill li qassamna l-maskri u *visors* b'xejn fi zmien li l-pajjiz kien kwazi b'*lockdown*. Huwa qal li ghandu proposti ohra kif nistghu nghinu iktar lir-residenti. Is-Sindku rringrazja lill-Kunsilliera ta' sena ta' hidma li hadmu flimkien u awgura lill-Kunsilliera u lill-haddiema tal-Kunsill il-festi tajba.

Il-Kunsilliera irreciprokaw u fahhru l-ghaqda u s-sens solidarju li bhala Kunsill offrew bhala sapport kontinwu matul din is-sena lir-residenti f'sena mimlija sfidi f'pandemija globali.

### 19.5 Twegibiet ghal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

19.5.1 Ma kienx hemm

## 19.6 *Performance Bonus* tal-istaff;

19.6.1 Il-Kunsill qabel unanimament li l-istaff kollu jiehdu l-performance bonus in full. Jigifieri d-Deputat Segretarju Ezekuttiv Anna Micallef u l-Iskrivan Aris John Fenech bis-6%.

## 19.7 *Christmas Cake*;

19.7.1 Is-Sindku qal li peress li ma stajniex naghmlu l-attivita' tal-Milied tal-anzjani jissuggerixxi li nqassmulhom *Christmas Cake* biex inferrhuhom ftit,

Il-Kunsillier Eugenio Muscat stqarr li ga kien f'komunikazzjoni mas-Sindku qabel il-laqgha u gab kwotazzjoni.

Giet diskussa hekk jaghtux lill-anzjani biss jew lil kull dar.

Il-Kunsill qabel li ghandu jitqassam il-*Christmas Cake* f'kull dar minhabba li bhalissa kulhadd affetwatu xi ftit din il-pandemija li hawn madwar id-dinja u l-Kunsill jemmen li b'haga zghira tista tferrah lir-residenti.

## 19.8 Triq ix-Xatt;

19.8.1 Is-Sindku qal li fil-gimghat li ghaddew flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u l-Perit Daniel Camilleri ltaqaw mas-Sinjura Greta Attard li hija l-Project Manager tal-*Water Services* kif ukoll mal-Perit Albert Spiteri tal-*Infrastructure Malta* rigward Triq ix-Xatt. Huwa qal li gejna nfurmati li fix-xhur li gejjin se jibdew jaqilghu t-triq u jbiddlu servizzi ukoll.

Is-Sindku gibdilhom l-attenzjoni fuq il-problema kbira li dejjem hiereg id-drenagg kemm fit-triq kif ukoll fil-garaxxijiet li hemm taht Triq ir-Rampa. Is-Sinjura Attard spjegat li fi Triq ix-Xatt m'hemmx bizejjed qlib biex jghaddu d-drennag ghaldaqstant spjegat li biex insolvu din il-problema tista ssir fossa kbira li tkun vicin il-garaxxijiet li jkollha pompa u ttella d-drenagg u b'hekk ghandna nsolvu l-problema. Is-Sindku qal li biex ssir din il-fossa hemm spiza ta' madwar €80,000.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat ma qabilx li naghmlu l-ispejjez ahna izda ghandhom jaghmluh il-gvern jew l-entitajiet privati tal-madwar. Is-Sindku Max Zammit, il-Vici Sindku Oriana Calleja, l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti u l-Kunsillier Ronald Portelli qablu li jsir dan il-progett u nsistew li ghandu jintrefa' mill-Kunsill biss jekk l-entitajiet Governattivi u l-privat jaghzel li ma jiffinanzjax dan il-progett. Il-Kunsill tkellem dwar diversi modi kif ghandha tigi mhalsa din l-ispiza, wahda minnhom hija li jkellem lill-entitajiet privati tal-madwar fejn jispjegalhom kif jista jsolvi l-problema tad-drenagg u jitlobhom biex jghinuh finanzjarjament ghal dan il-progett u hekk ma jingabrux il-flus kollha l-kunsill johrog id-differenza. Mod ie]or hija li hekk il-Kunsill ma jasalx fi qbil mal-entitajiet privati tal-madwar jara jistax jilhaq agreement li l-*water services* jiffaninzjaw parti minn dan il-progett. Hekk din il-proposta ma tigix accettata lanqas, il-Kunsill jista jasal fi ftehim li tal-inqas l-ispiza tinqassam fuq certu numru ta' snin.

Finalment il-Kunsill kollu qabel unanimament.

## 19.9 Creation of new parkings;

19.9.1 Is-Sindku qal li kellu *meeting* mal-Baruni Chris Testaferrata fejn gie dikuss bicca art li jista jikrilna biex issir parkegg fejn jistghu jibbenefikaw minn hu kemm ir-residenti kif ukoll in-nies ta' barra l-

lokalita'. Il-Baruni lest li jikrilna l-art b'kuntratt li jiggedded kull sena. Din tinsab hdejn l-Ambaxxata Libjana fi Triq Abate Rigord. Is-Sindku qal li tkellem mal-perit u qallu li biex nkunu nafu kemm jidhlu parking spaces hemm bzonn li ssir survey.

Il-Kunsill qabel.

## 19.10 Dwal tal-Milied;

19.10.1 Is-Sindku stqarr li fejn hemm maqlugh bix-xogholijiet difficli jintrama bit-tizjin tal-Milied u ghaldaqstant se tkun difficli biex isir tizjin bhas-snin precedenti f'Abate Rigord. Is-Sindku ppropona t-tizjin bhas-snin precedenti b'zieda zghira ta' dwal fil-parti fejn saru l-progetti l-godda mil-Kunsill, filwaqt li ppropona li ghas-sena d-diehla nikkunsidraw il-parti l-ohra tax-xatt.

Il-Kunsill qabel. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li jemmen li l-*businesses* jistghu jikkontribwixxu fil-parti ta' max-xatt.

19.10.2 Fuq nota ohra s-Sindku ssuggerixxa li biex nqajjmu naqa atmosfera tal-Milied nitsghu ngibu *Christmas Father* fuq karru bid-diski tal-Milied ghal madwar saghtejn u jdur it-toroq ta' Ta' Xbiex.

l-Kunsill qabel li ghandha ssir il-Hadd 20 ta' Dicembru dejjem hekk jippermetti t-temp.

## 19.11 Laptop and PC Services for residents;

19.11.1 Is-Sindku ressaq proposta li rcieva minghand hanut gewwa San Gwann. Huwa qal li bhalissa ghandhom skema fejn qed joffru lill-Kunsilli li jhalsu ammont ta' flus ghal sena u huma jaghtu servizz lir-residenti ta' Ta' Xbiex. Dan is-servizz huwa li kull resident jista jiehu l-laptop jew il-pc tieghu ghal servizzi ta' *antivirus, formatting* u *cleaning* b'xejn ghal sena shiha u jistghu jmorru iktar minn darba. Is-sindku qal li apparti hekk peress li ahna lokalita' zghira rnexxielu jinnegozja prezz, liema l-Kunsill qabel unanimament mieghu u gie deciz li nibdewha ghal-zmien tal-Ghid.

## 19.12 Ghajnuna dwar COVID-19

19.12.1 Is-Sindku qal li r-Regjun Centru hargu zewg skemi differenti fejn nistg]u nixtru *covid packs* u maskri ghal kull dar. Is-Sindku qal li se napplikaw ghal din l-iskema u se jipprova jkollna l-prodotti qabel il-Milied biex nkunu nistghu nqassmuhom mal-*Christmas Cake*. Is-Sindku qal li kull *Covid Pack* ghandhom *Hand Sanitiser, 10 Surgical Masks, Surface Wipes* u *Hand Wipes.*

Il-Kunsill qabel li napplikaw.

## 19.13 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

19.13.1 Ma kienx hemm.

## 19.4 Rapporti mill-Kunsilliera;

Ma kienx hemm

## Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss;

Il-laqgha li jmiss ha ssir l-Erbgha 13 ta' Jannar 2021 fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-tmienja u nofs ta' filghaxija.

Konfermati llum l-Erbgha 13 ta' Jannar, 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Max Zammit | Yasmine Tonna |
| Sindku | Segretarju E\ekuttiv |